MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 292/2012

**BSI Trust Corporation (Malta) Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Appell ipprezentat mis-socjetà BSI Trust Corporation (Malta) Limited quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-5 ta' Settembru 2011, in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01/12/2007 sa' 31/12/2007, 01/01/2008 sa' 31/05/2008, 01/06/2008 sa' 31/08/2008, 01/09/2008 sa' 30/11/2008, 01/12/2008 sa' 28/02/2009, 01/03/2009 sa' 31/05/2009, 01/06/2009 sa' 31/08/2009, 01/09/2009 sa' 30/11/2009, 01/12/2009 sa' 28/02/2010, 01/03/2010 sa' 31/05/2010, 01/06/2010 sa' 31/08/2010, 01/09/2010 sa' 30/11/2010 jigu kkancellati *in toto*;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors ta' l-Appell;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) il-likwidazzjoni ghaz-zminijiet tat-taxxa huma gusti u jisthoqqilhom konferma u dan kif jirrizulta mir-rapport ta' l-Ispetturi u mir-rapport tar-Review Officer annessi mar-Risposta; u li (ii) l-istejjem tqassmu lis-socjetà Rikorrenti skond l-Artikolu 73 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra li waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2012 il-partijiet kontendenti qablu li tinghata sentenza dwar l-aggravju procedurali sollevat mis-socjetà Rikorrenti qabel ma jigi trattat il-mertu tal-kaz;

Sema' x-xhieda ta' Fabiano Bugelli moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2012[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "FB1" sa' Dok. "FB4" a fol. 16 sa' 20 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013 il-partijiet kontendenti talbu li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub izda, dawn in-Noti baqghu ma gewx ipprezentati;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-procedura odjerna s-socjetà Rikorrenti tappella minn stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01/12/2007 sa' 31/12/2007, 01/01/2008 sa' 31/05/2008, 01/06/2008 sa' 31/08/2008, 01/09/2008 sa' 30/11/2008, 01/12/2008 sa' 28/02/2009, 01/03/2009 sa' 31/05/2009, 01/06/2009 sa' 31/08/2009,

---

[1] Fol. 21 sa' 25 tal-process.

01/09/2009 sa’ 30/11/2009, 01/12/2009 sa’ 28/02/2010, 01/03/2010 sa’ 31/05/2010, 01/06/2010 sa’ 31/08/2010, 01/09/2010 sa’ 30/11/2010 u titlob li l-istess stimi jigu kkancellati *in toto*. Hija tibbaza l-appell taghha mill-imsemmija stimi fuq zewg aggravji, wiehed ta’ natura procedurali u l-iehor fil-meritu. Mill-aspett procedurali s-socjetà Rikorrenti tikkontendi li l-istimi ma humiex validi stante li ma gewx lilha notifikati b’mod formali ai termini tal-Ligi u fil-meritu tikkontendi li l-istimi in kwistjoni huma zbaljati u ma nhargux ai termini tal-Ligi u konsegwentement ghandhom jigu ikkancellati.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkontesta t-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda stante li l-istimi mahruga minnu ghall-perijodi ta’ taxxa in kwistjoni huma gusti u jimmeritaw konferma, u li l-istess imsemmija stimi tqassmu lis-socjetà Rikorrenti ai termini ta’ dak provdut fl-Artikolu 73 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-fehma tat-Tribunal, fehma del resto kondiviza mill-partijiet kontendenti[2], il-kwistjoni li ghandha tigi trattata l-ewwel hija dik ta’ natura procedurali, u kwindi preliminari, sollevata mis-socjetà Rikorrenti u cioè li l-istimi mertu ta’ dan l-appell ma humiex validi in kwantu ma gewx lilha notifikati b’mod formali ai termini tal-Ligi. Huwa minnu li ai termini ta’ l-Artikolu 3(2)(b) ta’ l-Att dwar il-Gustizzja Amminsitrattiva, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-imsemmi Att, it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva ghandu jaghti decizjoni kemm jista’ jkun malajr u ghal dan il-ghan ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza, kemm jekk ikunu ta’ natura preliminari, procedurali jew sostantiva, izda fil-kaz in ezami huwa iktar opportun li l-kwistjoni procedurali sollevata mis-socjetà Rikorrenti tigi trattata wahedha qabel ma jigi trattat il-mertu. Il-mertu ta’ proceduri bhal dawk odjerni generalment ikun tekniku u dettaljat hafna u jehtieg certu ammont ta’ zmien apprezzabbli biex jigi trattat u finalment determinat. Fid-

[2] Ara verbal tas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2012, fol. 12 tal-process.

dawl ta' dan il-fatt ma hemmx dubju li ma hu fl-interess ta' ebda wahda mill-partijiet kontendenti, la f'termini prattici ta' tul ta' zmien u lanqas f'termini guridici, li fejn tkun qed tigi kontestata l-validità ta' l-istimi mertu ta' l-appell fuq punt ta' procedura t-Tribunal jghaddi biex jisma' l-mertu tal-kaz qabel ma jiddetermina jekk tali stimi li minnhom qed isir l-appell humiex fl-ewwel lok validi o meno.

Fir-rigward ta' l-aggravju procedurali taghha s-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *the assessments are invalid since appellant was never validly notified thereof and was given a copy of the notice thereof by the Commissioner in an informal manner and not by direct service from the VAT Department to the appellant at the appellant's proper address. This plea is being raised without prejudice to the abovementioned date of service of the assessments and also without prejudice to the filing of this appeal which is being done to respect the time limits imposed by the Value Added Tax Act for such an Appeal to be valid*. In sostenn ta' dak minnha affermat is-socjetà Rikorrenti ressqet bhala xhud lil Fabiano Bugelli li waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2012[3] xehed fost affarijiet ohra li b'avviz datat 4 ta' Lulju 2011[4], liema avviz gie debitament *acknowledged* mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud[5], is-socjetà Rikorrenti gharrfet lill-Kummissarju bil-bidla fl-indirizz postali taghha b'dana li issa l-indirizz postali taghha gie *40, Villa Fairholme, Sir Augustus Bartolo Street, Ta' Xbiex.* Jghid ukoll li l-fond Nru.35, Triq Zakkarija, il-Belt Valletta, li kien l-indirizz originarjament moghti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, gie vakat mis-socjetà Rikorrenti b'effett minn Gunju 2011 u meta gew ikkonsenjati l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-5 ta' Awwissu 2011, ossia l-istimi mertu ta' dan l-appell, dawn thallew fil-*letter box* tal-fond fil-Belt Valletta minghajr hadd ghas-socjetà Rikorrenti ma jiffirma ghalihom. Bugelli in fine jghid li huma, ossia s-socjetà Rikorrenti, kienu gabru l-istimi in

---

3 Fol. 21 sa' 25 tal-process.
4 Dok. "FB2" a fol. 18 tal-process.
5 Dok. "FB3" a fol. 19 tal-process.

kwistjoni mill-*letter box* tal-fond il-Belt Valletta u in segwitu gie intavolat l-appell odjern.

Da parte tieghu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), jistrih fuq id-dokument iffirmat mill-VAT Inspector Adrian Bonello datat 6 ta' Awwissu 2011 u fuq il-*pink card* relattiva ghall-konsenja ta' l-istimi mertu ta' dan l-appell entrambe annessi mar-Risposta tal-Kummissarju, minn liema jirrizulta li l-istess Adrian Bonello u Chris Spiteri ghad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kienu hallew l-istimi mertu ta' dan l-appell indirizzati lil BSI Trust Corporation (Malta) Limited fil-*letter box* tal-fond 35, Triq Zakkarija, Valletta. Id-Direttur Generali jikkontendi li dawn id-dokumenti juru bic-car li n-notifika ta' l-istimi in kwistjoni saret ai termini tal-Ligi, senjatament ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 73 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li qies sew il-kwistjoni posta quddiemu t-Tribunal ma huwiex affattu konvint li l-aggravju procedurali sollevat mis-socjetà Rikorrenti huwa fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, gustifikat. Ghalkemm huwa minnu li l-istimi mertu ta' dan l-appell ma gewx konsenjati fl-indirizz postali l-gdid tas-socjetà Rikorrenti, ghad illi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie debitament infurmat bil-bidla fl-indirizz postali, jirrizulta ampjament car li l-istess stimi gew a konjizzjoni ta', u t-Tribunal addirittura jghid debitament notifikati lis-socjetà Rikorrenti tant illi din ta' l-ahhar ressqet l-appell taghha minnhom ghal quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud entro t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-Ligi. Di fatti l-istimi u l-*covering letter* relattiva huma datati 5 ta' Awwissu 2011 u l-appell odjern gie intavolat fil-5 ta' Settembru 2011. Huwa evidenti li ghalkemm bil-posta l-istimi intbaghtu fl-indirizz postali l-qadim tas-socjetà Rikorrenti, l-istess socjetà ma sofriet ebda pregudizzju ghaliex xorta wahda - kif se jirrizulta iktar 'l quddiem f'din is-sentenza - giet a konjizzjoni ta' dawn l-istimi u b'hekk id-dritt taghha li tappella minnhom – li kien il-pass li jmiss ai termini tal-Ligi, u kif fil-fatt ghamlet is-socjetà Rikorrenti – baqa' impregudikat.

Fir-rigward ta' l-osservazzjoni tat-Tribunal li s-socjetà Rikorrenti giet notifikata bl-istimi mertu ta' dan l-appell jigi rilevat li dan il-fatt jirrizulta minn dak premess mis-socjetà Rikorrenti stess fir-Rikors ta' l-appell taghha. In effetti ghalkemm fix-xhieda tieghu Fabiano Bugelli jghid li l-istimi mertu ta' dan l-appell ingabru mill-*letter box* tal-fond Nru.35, Triq Zakkarija, il-Belt Valletta, fejn thallew mir-rapprezentanti tad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, fir-Rikors ta' l-appell id-Diretturi tas-socjetà Rikorrenti Andrew Cefai u Claudio Tonolla jippremettu li *the assessments are invalid since appellant was never validly notified thereof and* ***was given a copy of the notice thereof by the Commissioner in an informal manner***[6] *and not by direct service from the VAT Department to the appellant at the appellant's proper address.* Minn dak minnhom premess jirrizulta li huma jew ahjar is-socjetà Rikorrenti nghatat kopja ta' l-istimi in kwistjoni mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud izda ma jqisuhiex bhala notifika valida ghaliex ma saritx direttament lill-imsemmija socjetà fl-indirizz postali taghha.

Bhala verosimiljanza ta' kif effettivament l-istimi gew f'idejn is-socjetà Rikorrenti, it-Tribunal iktar jaghti affidament lil dak dikjarat minn Andrew Cefai u Claudio Tonolla fir-Rikors ta' l-Appell tas-socjetà Rikorrenti milli lil dak dikjarat minn Fabiano Bugelli waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, u dana billi d-dikjarazzjoni ta' Cefai u Tonolla hija in effetti dikjarazzjoni moghtija *a tempo vergine* meta sehhew l-affarijiet mentri x-xhieda ta' Bugelli inghatat iktar minn sena wara l-hrug ta' l-istimi mertu ta' dan l-appell. Apparte minhekk huwa iktar verosimili li biex gie intavolat l-appell entro t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fil-Ligi s-socjetà Rikorrenti necessarjament hadet konjizzjoni diretta ta' l-istimi in kwistjoni milli b'kumbinazzjoni gabrithom mill-*letter box* ta' fond li ma kienx ghadu iktar okkupat minnha fil-jiem ta' wara l-konsenja ta' l-istess stimi f'dak l-indirizz.

Meta dak dikjarat minn Andrew Cefai u Claudio Tonolla jigi kkunsidrat fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 73(2) tal-

---

[6] Sottolinear tat-Tribunal.

Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta jirrizulta immedjatament evidenti li s-socjetà Rikorrenti effettivament giet notifikata bl-istimi mahruga kontra taghha mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ai termini tal-Ligi u b’hekk l-istess stimi ma jistghux u ma ghandhomx jitqiesu bhala mhux validi.

L-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li *kull avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew minn xi persuna ohra taht dan l-Att jista’ jigi notifikat lil persuna sew personalment sew billi jintbaghat bil-posta*[7]*. Kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, notifika ta’ avviz mibghut bil-posta tkun ippruvata permezz ta’ evidenza li dak l-avviz kien gie indirizzat u impostat sew u ghandu jitqies li jkun gie notifikat, fil-kaz ta’ indirizz f’Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jigi wara l-jum meta dan ikun gie impostat, u fil-kaz ta’ indirizz barra minn Malta fil-jum li jigi wara dak il-jum meta l-avviz kien jigi ricevut fil-kors ordinarju tal-posta: izda cheque jew cedola impostati mill-Kummissarju ghandu jitqies li jkun hlas ta’ dak l-ammont maghmul fid-data meta jkun gie impostat*.

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog b’mod car li n-notifika bil-posta ma huwiex l-uniku mezz kif avviz li huwa mehtieg li jinghata mill-Kummissarju jew xi persuna ohra taht l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud jista’ jigi notifikat lit-*taxpayer*, izda tali notifika tista’ ssir u titqies valida anke jekk issir personalment lit-*taxpayer*. Peress illi s-socjetà Rikorrenti stess tammetti li nghatat kopja ta’ l-istimi in kwistjoni mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, necessarjament isegwi li hi giet notifikata bl-istess stimi kif trid il-Ligi u ghalhekk ma jistghux u ma ghandhomx jitqiesu bhala mhux validi.

Apparte dan kollu osservat jigi ulterjorment osservat li b’mod generali l-validità o meno ta’ stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija regolata bl-Artikolu 73(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi *kull avviz li jinghata mill-Kummissarju taht dan l-Att ta’ avviz, ecc, ghandu jigi ffirmat mill-Kummissarju nnifsu jew*

[7] Sottolinear tat-Tribunal.

*minn persuna jew persuni minnu awtorizzati u kull avviz bhal dak ikun validu jekk il-firma tkun stampata, ittimbrata jew miktuba fuq dak l-avviz*. In-notifika *per se* ta' l-istimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma tolqotx il-validità ta' l-istess stimi jew atti relatati jew derivanti minnhom sakemm ma tkunx fil-kuntest ta' kwistjoni ta' terminu entro liema jkunu nhargu u gew notifikati dawk l-istimi[8] u fil-kuntest ta' tardività ta' appell[9], li ma humiex il-kwistjonijiet sollevati fil-kaz in ezami.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-aggravju procedurali sollevat mis-socjetà Rikorrenti ma huwiex gustifikat u ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jichad l-aggravju procedurali sollevat mis-socjetà Rikorrenti u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-meritu.

L-ispejjez relattivi ghall-aggravju procedurali determinat b'din is-sentenza ghandhom jigu sopportati mis-socjetà Rikorrenti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[8] Artikoli 31 u 32 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.
[9] Artikolu 2 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.